# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2152

Każ Nru 2856/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Kevin Agius

u

Caprice Glass Works Ltd

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data:16 ta' Mejju 2012

**Chairman : Is-sur Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat fl-24 ta' Novembru 2010 permezz ta' rikors mill-Avv Lorna Mifsud Cachia f'isem Kevin Agius fejn ġie allegat illi dan kien ġie illegalment liċenzjat minn mas-Soċjetà Caprice Glass Works Limited. L-Avukat Kevin Dingli deher għar-Rikorrent. Is-Soċjetà Ntimata li kienet rappreżentata minn Stefan Fenech, direttur, assistit mill-Avukat Luciano Busuttil sar-raba' seduta u sussegwentement mill-Avukat David Camilleri, innegat dan.

Inżammu ħdax-il seduta.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi inħabba n-numru ta' seduti kif ukoll differimenti li ntalbu ma kienx possibli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Att.

2. **<u>Fatti tal-Każ</u>**

Ir-Rikorrent jallega lli huwa kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Ntimata mingħajr ma taghtu xi twissija u baqgħet ma taghtux raġuni għal-liċenzjament tiegħu u naqset ukoll li taghtih ħlas tan-*notice*. Is-Soċjetà Ntimata tiċħad dan u tgħid li kienet illiċenzjat lir-Rikorrent għal raġuni ġusta. Tgħid ukoll li mhux veru li naqset li taghtih il-flus tan-*notice.*

**<u>3. Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-kwistjoni kollha ta' dan il-każ tinpernja ruħha fuq il-fatt li r-Rikorrent, dejjem skond is-Soċjetà Ntimata, kien jaħdem *part-time* ma' konkorrent tagħha. Ir-Rikorrent jirritjeni li ma' min kien ħadem *part-time* ma kienx konkorrent tas-Soċjetà Ntimata u ħadem biss darba sakemm lemħu l-prinċipal tiegħu u kellmu (seduta 25 ta' April 2012 fol 5). Il-prinċipal tiegħu jgħid li rah darb'oħra xi ħmistax wara l-ewwel darba (seduta 30 ta' Marzu 2011 fol. 6).Oltre dan hemm kwistjoni jekk kienx hemm divjet ta' xogħol *part-time* ma' kompetitur meta fil-fatt kienet sar l-allegat ksur tar-regolamenti. Dan qed jingħad għaliex kien hemm żewġ karti b'sett ta' regolamenti. Iż-żewġ karti kienu prattikament identiċi ħlief li waħda minnhom, dik li ħarġet it-tieni kellha regolament li ma kienx jinstagħab fl-ewwel waħda, cioe' li l-ħaddiem ma setgħax jaħdem *part-time* ma' kumpaniji li kienu jagħmlu l-istess xogħol bħal dawk taż-żewġ kumpaniji tal-grupp. Din il-karta (Dok KFD 1) jingħad li ħarġet għal bidu ta' Novembru 2009 (Seduta 15 ta' Frar 2012 fol 10) . L-ewwel karta (Dok KFD 2) ma kelliex dan id-divjet. Din tidher li ħarġet f'Awwissu 2008.

Jirriżulta b'mod ċar li l-imsemmi divjet ħareġ iktar minn sena minn mindu ħarġet l-ewwel karta bis-sett ta' regolamenti. Jirriżulta wkoll illi d-divjet kien jinkludi xogħol li d-ditta li kien jaħdem magħha r-Rikorrent ma kienitx tagħmel, voldieri xogħol ta' aluminium. X'saħħa kellu dak id-divjet rigward ix-xogħol ta' aluminium? Għad li l-Prinċipal kien iħoss illi l-interess tal-Grupp kien wieħed ma jistax jingħad l-istess għar-rigward tar-Rikorrent li kien impjegat ma' waħda biss mill-membri tal-Grupp. Id-ditta Caprice Glass kellha l-identità ġjuridika tagħha u magħha biss ir-Rikorrent kellu vinkolu kontrattwali. Ix-xogħol tal-aluminium għad li kien kumplimentari max-xogħol ta' ħġieġ ma kellu x'jaqsam xejn mar-Rikorrent. Ċertament il-Prinċipal tiegħu ma kellu l-ebda dritt jimponi fuq l-impjegati tal-Caprice Glass id-divjet ta' xogħol *part-time* ma' konkorrent tax-xogħol ta' l-aluminium. Dan barra mill-fatt li l-imposizzjoni tat-tieni sett tar-regolamenti li kien jinkludi l-imsemmi divjet kien b'xi mod ibiddel il-kundizzjonijiet tal-impieg, ħaġa li żgur ma setatx isir unilateralment.

It-Tribunal wara li ikkunsidra dan kollu ma jħossx li r-Rikorrent kien liċenżjat għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Kevin Agius minn mas-Soċjetà Ntimata Caprice Glass Works Ltd ma kienitx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

**5. Kumpens**

Wara li ra l-Artikolu 81(2a) tal-Kap 452 it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent Kevin Agius mis-Soċjetà Ntimata Caprice Glass Works Limited fl-ammont ta' €2,500 liema ammont irid jitħallas immedjatament.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

Għall-iskop ta' l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-SEGRETARJU